MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1100/2014

**Schembri & Sons Limited (C4225)**

**vs**

**Carmelo Abdilla & Sons Limited (C3575)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Schembri & Sons Limited (C4225)** li kien ippreżentat fit-2 ta' Diċembru, 2015 fejn ippremettiet u talbet kif ġej:

1. *Illi permezz ta' ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru, 2014, ittra numru 3509/14 u li kopja tagħha ġiet annessa u mmarkata Dokument A, is-soċjetà intimata qed tallega li għandha dritt tirċievi mingħand is-soċjetà esponenti s-somma ta' mitejn u ħamsa u tletin elf, disgħa mija*

*u erba' u ħamsin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€235,954.38) maquma bejn sorte u mgħax kif aħjar deskritt fl-ittra uffiċjali annessa.*

2. *Illi s-soċjetà esponenti tiċħad illi hija debitriċi tas-soċjetà intimata f'dik is-somma jew kwalunkwe somma oħra verjuri illi hi m'għandha tagħti xejn lilha.*

3. *Illi s-soċjetà intimata kienet ġjà f'okkażjoni preċedenti, madwar ħames snin ilu u permezz ta' ittra uffiċjali oħra datata 16 ta' Diċembru, 2009 annessa u mmarkata Dokument B, għamlet pretensjoni għall-ħlas simili għal dak imsemmi iżjed 'il fuq u ciononostante baqgħet qatt ma ġabet 'il quddiem f'proċeduri appożiti talba għalll-ħlas kontra s-soċjetà rikorrenti.*

4. *Illi mid-data ta' meta s-soċjetà rikorrenti rċeviet kemm l-ittra uffiċjali Dokument B anness kif ukoll l-ittra uffiċjali Dokument A anness, hija baqgħet qatt ma ġabet 'il quddiem il-pretensjoni tagħha għall-ħlas tas-somma msemmija fl-ittra uffiċjali Dokument A.*

*Għaldaqstant u in vista tal-premess, is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-Artikoli 403-415 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1. *Tipprefiġġi żmien li m'għandux ikun iktar minn tlett xhur sabiex is-soċjetà intimata ġġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjoni tagħha (recte) kif kontenuta fl-ittra uffiċjali Dokument A fuq imsemmi;*

2. *U fin-nuqqas timponi fuq is-soċjetà intimata s-skiet perpetwu u li tiġi lilha impeduta li taġġixxi iżjed kontra s-soċjetà rikorrenti għall-pretensjoni fuq riferita.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta, bl-inġunzjoni tad-diretturi u uffiċjali tagħha għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lis-soċjetà rikorrenti għad-danni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Carmelo Abdilla & Sons Limited (C3575)** li ġiet ippreżentata fit-22 ta' Diċembru, 2015, li biha ppremettiet u eċċepiet kif ġej:

1. *Preliminarjament, illi l-azzjoni attriċi hija perenta ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kap. 12 billi l-istess soċjetà naqset li tipproċedi fi żmien sena minn meta l-esponenti avżatha bil-miktub bil-pretensjonijiet tagħha għall-ħlas tal-prezz ta' żrar u ramel fornut lilha;*

2. *F'kull każ u mingħajr preġudizzju, l-azzjoni ta' jattanza proposta mis-soċjetà attriċi mhijiex ammissibbli billi l-ittri uffiċjali indikati minnha tas-16 ta' Diċembru, 2009 u tas-6 ta' Novembru, 2014 kienu meħtieġa b'neċessità u kawtela ġuridika għall-konservazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-eċċepjenti.*

   *Apparti dawn l-ittri uffiċjali, l-eċċepjenti kienet regolarment tibgħat statements tal-kont dovut mill-attriċi, u din qatt ma oġġezzjonat għalihom.*

3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Ħadet konjizzjoni tal-provi kollha miġbura.

Semgħet l-avukati tal-partijiet jittrattaw.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Din il-kawża hija essenzjalment waħda ta' jattanza ai termini tal-Artikoli 403 - 415 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti biex tipprefiġġi żmien li m'għandux ikun iktar minn tlett xhur sabiex is-soċjetà konvenuta ġġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjoni tagħha kif kontenuta fl-ittra uffiċjali tagħha tas-6 ta' Novembru 2014, u fin-nuqqas timponi fuq is-soċjetà intimata s-skiet perpetwu u li tiġi lilha impeduta li taġġixxi iżjed kontra s-soċjetà attriċi għall-pretensjoni fuq riferita.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta qiegħda ssostni li l-azzjoni attriċi hija perenta għax is-soċjetà konvenuta naqset milli tipproċedi fi żmien sena minn meta s-soċjetà konvenuta avżata bil-miktub bil-pretensjonijiet tagħha u li fi kwalunkwe każ l-azzjoni ta' jattanza proposta mis-soċjetà attriċi mhijiex ammissibbli 'l għaliex l-ittri uffiċjali inkwistjoni kienu meħtieġa b'neċessità u kawtela ġuridika għall-konservazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tas-soċjetà konvenuta.

Filwaqt li s-soċjetà attriċi ssostni li t-terminu ta' sena prefiss mil-liġi[1] sabiex tiġi eżerċitata l-azzjoni ta' jattanza, jibda jgħodd mill-aħħar ittra uffiċjali, tgħid ukoll illi l-fatt li s-soċjetà konvenuta għamlet it-tieni ittra uffiċjali dwar l-istess pretensjoni, ifisser li reġa' beda jiddekorri t-terminu ta' sena li matulu tista' ssir azzjoni ta' jattanza.

[1] Bl-Artikolu 403 tal-Kap. 12.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tgħid illi dan it-teminu ta' sena skada 'l għaliex beda jiddekorri minn meta nħarġu l-istatements jew minn meta saret l-ewwel ittra uffiċjali. It-tieni ittra uffiċjali saret biex tiġi interrotta l-preskrizzjoni u kienet dettata b'neċessità u kawtela ġuridika għall-protezzjoni legali tad-drittijiet tas-soċjetà konvenuta.

Mhuwiex ikkontestat illi s-soċjetà konvenuta ilha tivvanta l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tas-soċjetà attriċi għal għadd ta' snin, b'uħud mill-invoices inkwistjoni jmorru lura għas-sena 1991. Iżda s-soċjetà attriċi tikkontendi li ħafna mill-*invoices* (tas-snin 2009, 2010, 2011, 2013 u 2014) fil-fatt qatt ma kienet irċeviethom mingħand s-soċjetà konvenuta u li hija m'għandha tagħti xejn lis-soċjetà konvenuta[2].

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Din hija kawża ta' jattanza a tenur tal-Artikolu 403 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi li:

> *"Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni."*

[2] Ara x-xhieda ta' Rodianne Bonnici a fol. 40 tal-proċess.

Kif ġie stabbilit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna[3], sabiex l-attur jirnexxi f'kawża ta' jattanza, jridu jikkonkorru mhux dawk ir-rekwiżiti formali biss, imma s-segwenti elementi kollha:

(a) l-attur irid ikun fil-pussess, almenu *de facto* u *prima facie,* tal-oġġett li jkun qed jikkawtela (Vol. XX.II.338; XXXIII.II.201);

(b) il-konvenut ikun, bil-miktub, ressaq pretensjoni fuq dak l-oġġett, l-eżerċizzju ta' liema pretensjoni tkun għad trid tiġi (Vol. XXXIII.II.287; XLII.II.1146);

(ċ) il-pretensjoni trid tkun spontanea, u mhux provokata bl-aġir tal-attur (Vol. XXIV.II.358; XXXI.I.494);

(c) il-pretensjoni irid ikollha l-karattru li tista' tiġi eżerċitata b'azzjoni ġudizzjarja (Vol. XXXIII.II.287);

(e) il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, speċifiku jew kapaċi li jiġi speċifikat (Vol. XXXIII.II.287; XXXVI.III.632);

(f) il-pretensjoni m'għandhiex tkun kundizzjonata, jew tiddependi minn fatt li jista' jiġri u ma jiġrix (Vol. XVI.II.85; XXI.II.6).

Inkwantu għal kull wieħed minn dawn l-elementi rikjesti u kif għandhom jiġu applikati għal din il-kawża:

a. l-oġġett li qiegħda tikkawtela s-soċjetà attriċi f'din il-kawża huwa li ma tibqax tiġi vvessata għal snin itwal bil-pretensjoni tal-attur. Is-soċjetà attriċi ssostni li m'għandiex tagħti xejn lis-soċjetà konvenuta, u jekk din tal-aħħar qiegħda tippretendi xorta oħra, għandha tingħata żmien ta'

[3] Sentenza tal-Prim' Awla tal-11 ta' Diċembru, 2003 fl-ismijiet **Imelda Tabone et vs. Agnes Galea et** mogħtija mill-Imħallef Tonio Mallia, u sentenzi oħra hemmhekk indikati. Ara wkoll is-sentenza tat-22 ta' Jannar, 2015 tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni Ġenerali) fl-**ismijiet It-Tabib Veterinarju Dr. Frank Galea vs. John Attard,** mogħtija mill-Maġistrat Paul Coppini.

mhux aktar minn tlett xhur biex tagħmel il-kawża u mhux tħallieha ‘imdendla’ b’mod perpetwu;

b. mill-provi jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ressqet il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tas-soċjetà attriċi permezz ta’ żewġ atti ġudizzjarji, l-ittra uffiċjali tas-16 ta’ Diċembru, 2009 u dik tas-6 ta’ Novembru, 2014;

c. bl-ebda mod ma jista’ jingħad illi l-pretensjoni tas-soċjetà konvenuta mhijiex spontanja u li kienet ipprovokata bl-aġir tas-soċjetà attriċi;

d. mingħajr ebda dubju, il-pretensjoni tas-soċjetà konvenuta tista’ tiġi eżerċitata b’azzjoni ġudizzjarja;

e. l-azzjoni ta’ jattanza kif proposta mis-soċjetà attriċi għandha l-iskop speċifiku li ġġiegħel lis-soċjetà konvenuta tressaq il-pretensjonijiet tagħha b’azzjoni ġudizzjarja fi żmien mhux iktar minn tlett xhur u li fin-nuqqas tiġi impeduta li taġixxi qatt iżjed għal din il-pretensjoni;

f. bl-ebda mod ma jista’ jingħad illi l-pretensjoni tas-soċjetà konvenuta hija kundizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista’ jseħħ jew ma jseħħx.

Għaldaqstant jirriżulta li ġew sodisfatti l-elementi kollha indikati fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna biex tirnexxi azzjoni ta’ jattanza.

Jifdal għalhekk l-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjetà konvenuta li l-azzjoni attriċi hija perenta ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kap. 12 u li l-azzjoni attriċi

mhijiex ammissibbli billi l-ittri ufficjali tas-16 ta' Diċembru, 2009 u tas-6 ta' Novembru, 2014 kienu meħtieġa b'neċessità u kawtela ġuridika għall-konservazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-eċċepjenti.

Tajjeb li jiġi ppreċiżat qabel kull konsiderazzjoni oħra, li l-liġi tagħna mkien ma tgħid li l-azzjoni tal-jattanza m'għandhiex issir jekk il-konvenut ikollu f'moħħu biss li jinterrompi l-preskrizzjoni. Kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **Louis u Agnes konjugi Borg et vs. Francesco Bezzina et**[4]:

> *"Il-liġi ma tgħid imkien li l-azzjoni tal-jattanza ma għandhiex issir jekk il-konvenut ikollhu f'moħħu biss li jinterrompi l-preskrizzjoni. Jekk wieħed jinterpreta l-liġi hekk, ikun qed jeskludi ħafna ċirkostanzi li fil-fatt iwasslu għal azzjoni simili. Infatti normalment l-attur jirrikori għaliha għaliex il-konvenut minflok jippreżenta l-azzjoni proprja, jibqa' jibgħat l-atti ġudizzjarji u jħalli l-kweżit miftuħ. Din il-Qorti kellha okkażjoni tikkumenta fuq dan fil-kawża fl-ismijiet **L-Avukat Generali vs. Dr Hugh Peralta nomine**[5] fejn qalet li ladarba ma kien hemm xejn x'iwaqqaf lill-konvenut biex jiftaħ il-kawża, hija kellha bilfors tinterpreta riġidament il-provvedimenti tal-ligi fir-rigward u tilqa' t-talba attriċi".*

Din il-Qorti hija tal-fehma li jeżisti terren komuni bejn ir-*raison d'être* wara l-istitut tal-preskrizzjoni u r-*raison d'être* wara l-azzjoni ta' jattanza. Il-Professur Emidio Pacifico-Mazzoni jispjega b'dan il-mod is-sisien tal-istitut tal-preskrizzjoni:

> *"Anco la prescrizione ha per fondamento un principio di ordine sociale e d'interesse generale, che è quello di garantire la posizione giuridica ed econonmica degl'individui e delle famiglie contro le perturbazioni a cui il*

[4] Mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2004 mill-Imħallef Joseph Azzopardi.

[5] Mogħtija fil-15 ta' Dicembru 1997 u ikkonfermata fl-Appell.

*loro patrimonio sarebbe esposto, se in perpetuo si lasciasse a tutti la facoltà di allegare e far valere le proprie pretese."*[6]

L-azzjoni ta' jattanza ukoll tista' tgħid li għandha l-għan li tiggarantixxi l-pożizzjoni ġuridika tal-individwi kontra t-tfixkil li jkun espost għalih il-patrimonju tagħhom, jekk dak li jippretendi li huwa kreditur tagħhom titħallielu l-fakultà li jkun jista' jivvanta b'mod perpetwu il-pretensjonijiet tiegħu.

Għaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti, id-dispożizzjonijiet tal-liġi relattivi għall-istitut tal-preskrizzjoni u għall-azzjoni ta' jattanza għandhom jiġu interpretati b'mod loġiku u kemm jista' jkun konsistenti ma' xulxin.

Ta' min wieħed josserva proprju l-elementi komuni li jeżistu bejn dak li jipprovdi l-Artikolu 2107(2) tal-Kodiċi Ċivili[7] u dak li jipprovdi l-Artikolu 403(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[8]:

L-Artikolu 2107(2) tal-Kap. 16 - *"Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi",* u

L-Artikolu 403(1) tal-Kap. 12 - *"Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni."*

[6] Istituzioni di Diritto Civile - Libro III, Parte III, Seconda Edizione (1873), paġna 506.

[7] Il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[8] Il-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kemm il-preskrizzjoni u kemm l-azzjoni ta’ jattanza jistgħu jitqiesu bħala mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għaż-żmien li tagħtih il-liġi, fil-każ tal-preskrizzjoni, u meta l-kreditur ma jkunx ġab ‘il quddiem b’kawża l-pretensjoni tiegħu fiż-żmien mogħti lilu mill-qorti, fil-każ ta’ azzjoni ta’ jattanza.

Apparti li kif intqal aktar qabel, skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna fil-liġi tagħna m’hemm xejn li jgħid li l-azzjoni tal-jattanza ma tistax issir jekk il-konvenut ikollu f’moħħu biss li jinterrompi l-preskrizzjoni[9], ladarba l-liġi tagħna tippermetti li tinkiser il-preskrizzjoni b’kull att ġudizzjarju li jiġi ppreżentat mill-kreditur[10], u li l-preskrizzjoni terġa’ tibda timxi mill-ġdid[11], ma jkunx loġiku u konsistenti ma’ dan jekk it-terminu ta’ sena preskritt mil-liġi sabiex tiġi eżerċitata l-azzjoni ta’ jattanza ma jerġax ukoll jibda jimxi mill-ġdid ma’ kull ittra uffiċjali li tiġi ppreżentata biex tiġi interrotta l-preskrizzjoni. Altrimenti l-kreditur jkollu l-fakultà li jivvanta b’mod perpetwu l-pretensjoni tiegħu u l-persuna li kontra tagħha tiġi vvantata dik il-pretensjoni, tispiċċa titlef id-dritt għal azzjoni ta’ jattanza wara sena.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija aktar ‘il fuq, tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u billi f’dan l-istadju tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u, a tenur tal-Artikoli 403 u 404 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’**

[9] Louis u Agnes konjugi Borg et. vs. Francesco Bezzina et, cit. supra.

[10] L-Artikolu 2128 tal-Kap. 16.

[11] L-Artikolu 2136(2) tal-Kap. 16.

**Malta, tagħti żmien ta' tliet xhur lis-soċjetà konvenuta sabiex iġġib 'il quddiem b'kawża kontra s-soċjetà attriċi l-pretensjoni kif dedotta fl-ittri uffiċjali tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2009 u tas-6 ta' Novembru, 2014.**

**Tirriserva illi tipprovdi dwar it-tieni talba tas-soċjetà attriċi u dwar il-kap tal-ispejjeż wara li jgħaddi dan it-terminu ta' tliet xhur.**

**Tħalli l-kawża għad-29 ta' Settembru, 2015 fid-9.00 a.m. għal informazzjoni ulterjuri.**

**MOQRIJA**

**ONOR DR. LAWRENCE MINTOFF LL.D.**
**IMĦALLEF**

**Frederick Stagno Navarra**
**Dep. Reġ.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------